12 ta' Marzu, 1945.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.

Giuseppe Mifsud *versus* Marietta Tonna et.

**Kompetenza għar-raġuni tal-Valur — Art. 41, 755, 783 u 784 tal-Proċedura Civili.**

*Il-fatt li Qorti Inferjuri tiddikjara ruħha inkompetenti għar-raġuni tal-valur ma jinvestix bil-kompetenza lill-Qorti Superjuri, għax il-Qorti Superjuri mhix obligata toqgħod għad-deċiżjoni tal-Qorti Inferjuri fuq il-kompetenza.*

*Il-valur ta' l-oġġett huwa determinat mit-talba meta jkun mitlub il-ħlas ta' somma determinata.*

*Mhux leġittimu li jiġu mħarrkin quddiem Qorti Superjuri diversi debituri, li ma jkunux solidali bejniethom, meta r-rata tad-debitu ta' kull wieħed minnhom ma teċċedix il-kompetenza tal-Qorti Inferjuri, avvolja d-debitu jkun ġej minn titolu wieħed.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur quddiem il-Prima Awla tal-Qorti Civili tal-Maestà Tiegħu r-Re, fejn ippremetta li hu, b'avviż preżentat quddiem il-Qorti Civili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja, talab il-kundanna tal-konvenuti biex iħallsu kull wieħed £9. jew kwalunque somma verjuri li ma teċċedix il-kompetenza ta' dik il-Qorti, għal senserija jew serviġi in konnessjoni mal-promessa vendita ta' beni stabili l-Ħamrun, Barbara Street, kantuniera ma' Victory Street, bl-ispejjeż; li l-konvenuti fit-trattazzoni tal-kawża eċċepew li

s-senserija mhix dovuta jekk mhux fuq effettwazzjoni ta' l-operazzjoni; li l-istess Qorti tal-Magistrati, fuq l-eċċezzjoni tal-konvenuti, fis-sentenza tat-2 ta' Mejju 1944, iddikjarat ruħha inkompetenti mħabba l-valur u rrimettiet lill-partijiet quddiem il-Qorti kompetenti, u rriżervat l-ispejjeż għal quddiem il-Qorti kompetenti (dok. A); u talab li l-konvenuti jiġu kundannati jħallsu kull wieħed minnhom is-somma ta' £9 jew somma oħra verjuri li tiġi stabbilita għal senserija jew serviġi dovuti lilu in konnessjoni mal-promessa vendita ta' beni stabili l-Ħamrun, Barbara Street, numri 62E, u 62B., kantuniera ma' Victory Street, numru 103, konvenuta fit-28 ta' Settembru 1942 bi skrittura privata, bil-prezz ta' £900; bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ewwel kawża riżervati bl-imsemmija sentenza tat-2 ta' Mejju 1944;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re fid-9 ta' Frar 1945, fejn laqgħet l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza u lliberat lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi quddiem il-Qorti Inferjuri ġiet mitluba l-kundanna separatament ta' kull wieħed mill-konvenuti għal ħlas ta' somma li ma teċċedix il-kompetenza tal-Qorti Inferjuri, għax il-pretensjoni ta' l-attur hija għall-ħlas ta' £9 minn għand kull wieħed mill-konvenuti;

Illi l-kliem "jew somma oħra verjuri" f'dan il-każ ma jfissrux ħlief li l-attur għamel alternativa ta' somma iċken minn £9;

Illi l-eċċezzjoni li s-senserija mhix dovuta jekk l-operazzjoni ma tkunx ġiet effettwata ma kienetx tinvolvi kwistjoni ta' valur eċċedenti l-kompetenza tal-Qorti Inferjuri, għax l-eżami ma kienx jekk hemm bejgħ jew le, iżda jekk għandhiex titħallas senserija la darba l-bejgħ ma kienx sar;

Illi l-fatt li l-Qorti Inferjuri ddikjarat ruħha inkompetenti għar-raġuni ta' valur minħabba l-eċċezzjoni ma setax jinvesti lil din il-Qorti bil-kompetenza, għax din il-Qorti tinsab prekluża in forza ta' l-art. 41 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili; illi skond l-ispirtu ta' l-art. 783 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili

din il-Qorti mhix obbligata toqgħod għad-deċiżjoni tal-Qorti Inferjuri fuq il-kompetenza;

Rat ir-rikors ta' l-attur fejn talab illi din il-Qorti in bażi għall-art. 783 u 784 tal-Liġijiet fuq imsemmija tiddeċidi liema hija l-Qorti kompetenti bejn iż-żewġ qrati fuq imsemmija; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi skond l-art. 755 tal-Liġi fuq imsemmija l-valur ta' l-oġġett huwa determinat mit-talba, meta jkun mitlub il-ħlas ta' somma determinata, u għalhekk l-attur kien għamel sewwa meta ippreżenta din it-talba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, għax is-somma invoJuta fit-talba di fronti għal kull konvenut li kellu jirrispondi għaliha, kienet somma taħt l-£10. L-eċċezzjoni tal-konvenuti fis-sens illi s-senserija mhijiex dovuta jekk l-operazzjoni ma tkunx konkjuża, ma kienetx eċċezzjoni ta' inkompetenza, iżda kienet eċċezzjoni fil-meritu li ta kull wieħed mill-konvenuti. Għalhekk il-Qorti Inferjuri setgħet liberament daħlet f'dik il-kwistjoni, għax kull wieħed mill-konvenuti li kien qiegħed jagħtiha kien isostniha għall-interess personali tiegħu li kellu f'din il-kawża, ċjoè għall-meritu ta' £9; u għalhekk dik l-eċċezzjoni tibqa' dejjem fil-kompetenza ta' dik il-Qorti;

Tikkunsidra;

Illi kif irriteniet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili in re "P.L. A. German vs. Felice Vassallo" fid-29 ta' Jannar 1902 (Kollez. XVIII-II-102), mhux leċitu li wieħed iġib quddiem il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Superjuri diversi debituri li ma jkunux solidali bejniethom, meta r-rata tad-debitu ta' kull wieħed ma tkunx teċċedi l-kompetenza tal-Qorti Inferjuri, għalkemm id-debitu jkun qiegħed ġej minn titolu wieħed;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, li huma adottati;

Wara li rat l-artikoli 783 u 784 tal-Liġijiet ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Tiddikjara u tiddeċidi illi l-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża għar-raġuni ta' valur hija l-Qorti

Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta; l-ispejjeż ta' din l-istanza in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ ma jiġux taxxati bejn il-partijiet. Id-dritt tar-Reġistru jitħallas mill-attur.